MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1601/2004

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Pauline Pace**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm189.91c (mija u disgha u tmenin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu) rapprezentanti bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 9985 8655.

Il-konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont

pretiz fl-Avviz tat-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lil Nadia Borg tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------